# Minuti

## Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara

## ID-DISGHA LEGISLATURA

**Laqgha numru 23**

**20 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Rosette Cassar – Kunsillier
Karl Cutajar – Kunsillier

Stefano Sicari - Kunsillier

**Assenti**

Alfred Attard - Kunsillier

**Nota.** Is-Sa Yana Borġ Debono Grech u s-sur Gilmor Borg daħlu fil laqgħa fis 6:18pm

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

23.1. Il -laqgħa tal-kunsill bdiet fil-6pm

23.1.2 Is-sindku saqsiet jekk kienx hemm ittri t'apologija u id–deputat Segretarju irrispondiet li kien hemm 4, dik ta' Rosette Cassar, Gilmour Borg, Stefano Sicari u Karl Cutajar.

**23.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal minuti.**

23.2.1 Ġew ippreżentati il-minuti tal-laqgħat preċedenti laqgħa 20, 21 u 22 flimkien mal minuti tal-laqgħa 13 li baqaw ma ġewx koretti mis-segretarju Eżekuttiv preċedenti.

**23.2.2** Is-Sur Maurizio Gauci ippropona u is-Sur Luke Vella Issekonda l-Minuti tal-laqgħa Nu.13 bħala koretti.

**23.2.3** Is-Sur Maurizio Gauci ippropona u is-Sa Jade England issekondat l-Minuti tal-laqgħa Nu. 20 bħala koretti.

**23.2.4** Is-Sa MarieClaire Zammit ipproponiet u is-Sur Luke Vella issekonda l-minuti tal-laqgħa Nu. 21 bħala koretti.

**23.2.5** Is-Sa MarieClaire Zammit ipproponiet u is-Sa Jade England issekondat l-minuti tal-laqgħa Nu. 22 bħala koretti.

**23.3Arisings mill-Minuti**

**23.3.1** Ma kien hemm xejn

**23.4. Komunikazzjoni Mis-Sindku.**

**23.4.1** Birkirkara FC – Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Il-Kunsill Lokali offra l-ghajnuna kollha possibbli lil Birkirkara FC għaż-żewġ logħobiet kruċjali tal-finali tal-Premier League u

tat-trophy. Minkejja li r-rizultat ma kienx dak mixtieq, kien ta' sodisfazzjon għalija li tara l-lokalita' magħquda wara l-klabb lokali u l-entitajiet kollha jikkollaboraw.

**23.4.2** Vannijiet –Iż-żewg vannijiet li l-Kunsill Lokali kien ħareg sejħa għall-offerti sabiex jixtri permezz ta' skema maħruġa minn LESA kienu waslu. Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb li ssir id-dokumentazzjoni meħtiega inkluz poloz ta' assikurazzjoni u kien jonqos biss illi jsir wrapping tal-istess vetturi qabel dawn jibdew jipprovdu s-servizzi lill-komunita' hekk kif ippjanat. Rigward charging ports qedin nikkomunikaw mal-Gvern Ċentrali sabiex titwaħħal posta viċin. Is-sa MarieClaire Staqsiet ikunx tajjeb li peress li dawn il vetturi jiċċarġjaw nistaqsu għall informazzjoni ta sigurtà. Qamet diskussjoni rigward ic-charging point fejn ġie konklus li nistaqsu u naraw x'hinu l-aħjar

**23.4.3** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi ssir il-publikazzjoni li normalment toħroġ kull tliet xhur b'informazzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali. L-istess publikazzjoni kienet ġiet stampata u qiegħda titqassam fid-djar.

**23.4.4** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi hekk kif isir perjodikamenet jorganizza numru ta' korsijiet għall-komunita'. Wara li saru l-arrangamenti logistici meħtiega, il-Kunsill Lokali qiegħed jippjana sabiex f'qasir zmien jitqassam flyer b'informazzjoni dwar il-korsijiet li kienu ser jittellgħu fid-djar

**23.4.5** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Hekk kif ippjanat inżammet ħarġa kulturali li din id-darba kienet tikkonsisti fi zjara lill-President tar-Repubblika. Waqt l-attivita' filwaqt li b'gest simboliku ingħata memento lill-President tar-Repubblika, inġabret is-somma ta' elf ewro b'risq il-Malta Community Chest Fund. B'sodisfazzjon, irrimarkat, illi Birkirkara kellha l-akbar grupp ta' nies fost il-Kunsilli Lokali.

**23.4.6** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li peress li l-vettura li il-ħaddiema ta' barra tinsab f'qada ħażina u bla brejkijiet il-kunsill ħaseb sabiex jixtri vann second.

**23.4.7** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li wara it talba mil- Għaqda Soċjeta ta' Borgia fittixna fis-snin qalbel x'kienet tkun l-għajnuna u sibna li fis-sena 2024 l-ispiza 2024 Euro kienet biss €169. Għaldaqstant hemm differenza kbira u mhux lest li joħroġ dik is-somma. Is-sur luke Vella ser ikun rappreżentant waqt il-laqghat ta' Borgia.

**23.5 Mistoqsijiet mill Kunsilliera.**

**23.5.1** Is-sindku qalet li ma ġew imressqa l-ebda domandi imma xorta saqsiet jekk kienx hemm min kellu xi jgħid.

**23.5.2** Is-sur Marizio Gauci qal li domanda tiegħu ġiet risposta waqt il komunikat tas sindku dwar il Vannijiet elettrici.

**23.5.3** Is-Sa Jade England tkelmet dwar il laqgha tal kunsill ta tfal fejn hi ressqet it talba ta tfal li ssir Planting Day u jinżergħu aktar xtili/siġar.

**23.5.4** Is-Sa Yana staqsiet rigward ilmenti li jintbgħatu il kunsill jekk jirrispondux lura, hi qalet li ma rċevietx lura. Is-sindku qalet li din id-domanda diġa qamet fil-laqgħat preċedenti imma xorta kienet ser titkellem mal-ħaddiema.

**23.5.5** Is-Sur Antoine staqsa dwar il-Community Police jekk għadux jeżiżst kuntatt fejn ġie rispost li iva u l-kunsillier Luke Vella jattendi għall-laqat b'mod frekwenti. Dan jgħamel parti mid-dekasteru tiegħu.

**23.5.6** Is-sur Antoine xtaq jitkellem dwar il pubblikazzjoni ta queensland. Huwa stqarr li ġab offerta tajba mal-pubblikatur. Is-sa Marie Claire ippreżentat 4 quotes. Il pubblikatur se jistampa 500 ktieb pero 150 kopja ser ikunu tal kunsill. Il kumplament jiġu distribwiti fil hwienet u waqt il bookfair f'novembru. Id-distributur ser ikun qed jieħu ħsieb anki il-Marketing tiegħu. Din ser tiswa lil Kunsill €500. Fil ktieb ser ikun hemm il-messag tas-sindku Logo tal-Kunsill u cans li nkunu preżenti mal-awtriċi fil book signing. Rigward copyright din baqgħet ghall sentejn u dejjem jista jkun hemm talba għall aktar skont il ħtieġa.
Għall din il proposta ittiehed vot bejn dawk preżenti u kien hemm 9 favur għall din il-proposta.

**23.6 Approvazzjoni ta Skemi.**

**23.6.1** Is-sindku Desirei Grech semmiet li l-kunsill ipprepara sabiex japplika għall 3 skemi oħra.

**23.6.2** SPI.SCI.04.2025 espressjoni ta' Interess Finanzjament Milied 2025. Inġabret l-informazzjoni kollha meħtieġa u ser tintbgħat l-applikazzjoni.

**23.6.3** SPI.SCI.05.2025 Espressjoni ta' Interess Finazjament Karnival 2026. Għaldarbohra inġabret l-informazzjoni mitluba u ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Ser ikun qed jerġa jintalab biex isir **il Ballo di Birchirkara.**

**23.6.4** SPI.SCI.06.2025 Fond ta Manutenzjoni u sostenn ta' proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Centrali. Is-sindku semmiet kif fil budjet ta din is-sena hemm propost li jissewa il-culvetr fi triq Tuas Fenech u għall daqs tant il kunsill ser ikun qed joħroġ sejħa għall offerti biex issir it-tiswija meħtieġa b'urġenza. Sostniet li kollha nafu l-istat ħażi u perikoluz ta dan il-culvert u l-ammont ta lmenti li nirċievu.

**23.6.5** Is-Sindku ukoll semmiet li is-segretarju Eżekuttiv applikat għall skema maħruġa mid-dipartiment min Pjazza għall Pjazza. Din l-applkazzjoni kella deadline qasir hafna u l-kunsill kellu joħroġ bi proposta vantaġġjuża malajr kemm jista jkun. 10 Kunsill ser jibbenefikaw min din l-iskema u il fond total hu ta €26000. Il-kunsill ippropona li issir Heritage trail b'differenza fejn jinfethu siti storiċi fil qalba ta Birkirkara u ssir attivita kumplimentari.

**23.7 Hatra ta' Invterwiewing boards – Exec Sec**

**23.7.1** Il-Kunsill Lokali gie infurmat mid-DLG illi l-applikanti li kienu wrew interess li timtela' din il-vakanza kienet saritilhom interview u giet provduta lista tal-kanididati kollha li rrizultaw eligibbli. Il-Pass li jmiss huwa li l-Kunsill Lokali jaħtar bord kompost minn tliet individwi li jridu jkunu membri tal-Kunsill Lokali bil-ghan li jsiru l-interviews. Fir-rigward, is-sindku pproponiet li l-bord ikun kompost minni flimkien mas-Sinjuri Kaylocke Buhagiar Indipendenti u Karl Cutajar peress li diġa għandu esperjenza fil-qasam. Minhabba l-fatt illi d-Deputat segretarju hija waħda mill-applikanti u l-bord jinhtieg li jkun iħaddan fih membru mill-amministrazzjoni, Is-sindku pproponiet lis-Sa. Dorianne Pullicino li għandha skala għolja sabiex tifforma parti mill-imsemmi bord. Boadr ġe approvat fost dawk preżenti.

**23.8 Tenders**

**23.8.1** Soft areas u Gonna - ghaddej il-process ta' evalwazzjoni li wasal fil-fazijiet finali (intbaghat l-ahhar sett ta' kjarifiki. Bidders ghandhom 5 working days cans biex jirrispondu u wara jigi konkluz il-process)

**23.8.2** Handyman – Inħareg it-tender. Data tal-gheluq tas-sottomissjonijiet hija 26/05

**23.8.3** Ser tkun qieghda tinħareg sejha ghall-offerti ghal roadmarkings u tabelli

**23.8.4** Ser tkun qieghda tinħareg sejha ghall-offerti ghal tiswija tal-isprall.

**23.9 Amministrazzjoni**

23.9.1 Ghaddej il-process għall-mili ta' post vakanti (part time) skala 16. Saru tliet interviews lill-kandidati li intbaghatu minn Jobsplus u baghatu CV. Filwaqt li kandidat minnhom irtira l-applikazzjoni, it-tnejn l-oħra ma ġabux marka sufficjenti u ma ġewx magħżula. Ser tkun qeigħda tigi infurmat jobsplus bil-għan illi nghaddu ghall-fazi li jmiss

**23.10 Rapporti**

23,10. 1 is-sindku infurmat li ser taqra l-istqarrija għall-istampa li ser tressaq ghall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill Lokali.

L-istqarrija hija konsegwenza tas-sitwazzjoni preżenti fiż-żona tas-Swatar fejn temmen illi qiegħda tkun ta' inkonvenjent lill-komunita' u setgħet tigi ppjanata u implimentata b'mod ħafna aktar għaqli. Aktar min hekk ir-realta' hija ferm differenti mill-impressjoni li l-pubbliku jista' jingħata permezz ta' news portals u media. Fattwalment, kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-entitajiet Governativi ma kienx hemm ghaliex il-Kunsill Lokali qatt ma gie mitlub jikkontribwixxi u kien biss wara li talab l-informazzjoni li inghata ftit dettalji li mhux talli ma kienux bizzejjed, izda kienu qarrieqa ghaliex fil-verita' dak li gie implimentat ma jikkorraborax dak li gie diskuss. Tant l-entitajiet li qiegħdin imexxu l-proġett għandhom intenzjoni li jzommu lill-Kunsill Lokali distanti illi l-permessi u avvizi li suppost joħroġ il-Kunsill Lokali ma humiex jiġu mitluba u miflok intuza avviż li ma ghandu ebda struttura legali kif ser tkunu qieghdin tosservaw f'dokumentazzjoni li ser inkun qiegħda nghaddilkom.

**23.10**.2 Kien hawn li inqalat diskusskoni elevata bejn is-Sa Yana u Sindku Desirei. Is-sa Yana qalet li dan kien kumment partiġġgjan u li is-sindku kella tkun preżenti għaż żjara li għamlet il-Ministru. Hi sostniet li ma kienux infurmati bl-email u għall dan is-sindku irrispondiet li l-email kienet irrelevanti għax l-istqartija hi fuq ix-xoghlijiet kif qed isiru u dwar is-sitwazzjoni preżenti tas swatar. Is-sindku kompliet tispjega li għalkemm kelna meeting mal-kuntrattur u perit tal-Enemalta, fejn qalulna li anki tal WSC kellhom jagħamlu xogħlijiet, ġa la darba inqalat it triq ahna tlabna biex l-asfaltar isir sħih u mhux patching imma għall dan bqajna bla risposta u ix-xogħolijiet baqw ghaddejin irrilevanti xi tlabna. Is-sa Yana baqat issostni il punt tagħha u għal dan is-Sindku reġat tenniet li il-kunsill kellu jkun konsultat ħafna qabel ma beda ix-xogħol. Madanakoll hi mhux qed tisforzaha sabiex tapprova l-istqarrija.

**23.10.3** Is-sa Jade spjegat kif kien hemm No parking signs mhux tal -kunsill u xogħol beda mingħajr avviz. Hi qalet li ħafna residenti qed ibgħatu mis sitwazzjoni bi trabijiet.

**23.10.4** Is-sur Kaylocke stqarr li din l-istqarrija ser issir kif qed isir ix-xogħol u staqsa jekk kienx hemm nies li qed ibgħatu minħabba qtuħ tas-servizz tal- ilma. It-talba tal-kunsill hi sabiex isir xogħol sew.

**23.10.5 Stqarrija.**

*" Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara jixtieq juri t-thassib tieghu ghall-mod kif qieghdin isiru x-xogholijiet fiz-zona ta' Swatar. Fil-prezent, il-Kunsill Lokali innota illi qieghdin isiru xogħolijiet mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq Olaf Gollcher, Triq Vincenzo Bugeja, Triq il-Plejju, Triq P.Borg Olivier, Triq Joseph A. Deacon, Pjazza l-Eroj, Truq Mro. Giuseppe Camilleri u Triq Borg. Dwar l-operat, il-Kunsill Lokali talab laqgha lill-istess korporazzjoni Enemalta bil-għan illi jingħata pjan ta' kif ser isiru x-xogħolijiet. Waqt l-istess laqgħa, ġejna infurmati illi kien ġie deciz illi apparti Enemalta, fl-istess toroq kien ser ikun hemm ukoll interventi minn WSC liema interventi naturalment itawwlu mhux ftit iz-zmien sabiex jitlesta x-xogħol u għaldaqstant izid l-inkonvenjent lir-residenti.*
*Il-Kunsill Lokali talab illi tinzamm laqgħa bejn il-partijiet bil-għan illi jitfassal pjan ta' kif ser isiru x-xogħolijiet u jittieħdu l-miżuri kollha meħtiega sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti. Fosthom, il-Kunsill Lokali talab illi l-wiċċ tat-triq temporanju ikun wieħed tali illi filwaqt li jnaqqas ir-riskju ta'ħsarat fil-vetturi, jelimina kemm jista' jkun terrapien.*
*Sfortunatament, it-talbiet tal-Kunsill Lokali jidher illi ma gewx milqugha ghaliex gie nnotat illi x-xogholijiet tkomplew, bil-Kunsill Lokali jirċievi ilmenti b'mod kontinwu dwar inkonvenjent li qiegħdin ikollhom jaffaċċjaw.*
*Filwaqt li l-Kunsill Lokali ma huwiex kontra x-xogħolijiet infushom u nemmnu illi l-investiment li qiegħed isir ser igawdu minnu r-residenti, niddeploraw il-mod ta' kif gie trattat il-Gvern Lokali u l-fatt illi minkejja illi jingħad illi l-Kunsilli Lokali għandhom rwol krucjali fi progetti simili, dan ma kienx il-kaz"*

**23.10.6 Vot għall approvazzjoni.**
**Favur** 7 Desirei, Maurizio, Luke, Jade, Kaylocke, Antoine, Marie Claire
**Astjenew** 0
**Kontra** 2 Yana, Gilmour

**23.10.7** is-sindku infurmat li kienet ser taqra stqarrija għall-istampa oħra simili u din dwar id-dewmien fuq xogħolijiet fi triq Fleur De Lys. Din tressqet ukoll għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill Lokali.

**23.10.8**

*"Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara jagħmel referenza għax-xogħolijiet li saru fi triq Fleur De Lys, liema xogħolijiet ingħataw bidu fl-2024 minn Infrastructure Malta. Fir-rigward, lura f'Settembru 2024, wara li kien ingħata bidu għax-xogħolijiet, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi b'mod temporanju, il-kuntrattur li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol kien twaqqaf minħabba li kienet ser tibda l-iskola u kien gie deciz illi jingħata ftit cans sakemm genituri u student jidħlu lura fir-rutina tal-iskola. Il-Kunsill Lokali qabel ma' dan għaliex emminna illi jkun gust illi l-ewwel ftit granet ta' skola ikunu pjuttost konfuzi.*

*Sfortunatament pero', is-sena skolastika waslet fi tmiemha u b'dizappunt, il-Kunsill Lokali qiegħed ikollu jaffaccja ta' kuljum resident urtati għaliex ix-xogħolijiet mhux talli ma tlestewx izda għadhom lanqas tkomplew. Sitwazzjoni li ma holqotx biss frustrazzjoni fost ir-residenti taz-zona izda ta' kull min b'xi mod jagħmel uzu minn din it-triq li sal-lum għandha wicc ta' livell medjokri.*

*Sfortunatament ukoll, il-Kunsill Lokali ma għandu ebda risposta x'jagħti lir-residenti u lil min iressaq ilment għaliex sal-lum għadna ma ingħatajniex raguni għad-dewmien jew pjan ta' meta ser jitkomplew ix-xogħolijiiet. Minkejja konferma li fl-istess triq ix-xogħolijiet ser ikunu qiegħdin jinkludu culverts għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita (biswit il-venda), sal-lum ma hemm ebda hjiel dwar l-implimentazzjoni għaliex fattwalment għadu ma sar xejn. L-istess jista' jingħad għall-bankini li jinsabu fi stat kundannabbli u l-hofor tal-arbli tal-festa li għal xi raguni imtlew bil-konkos u tħallew hekk*

*L-istess Kunsill Lokali jitlob illi fl-iqsar zmien possibbli u mingħajr akar dewmien għandhom jitkomplew ix-xogħolijiet fi Triq Fleur De Lys, sabiex wara aktar minn sena, ir-residenti ta' din it-triq ikunu jistgħu jgħixu mingħajr inkonvenjent fi triq denja,"*

**23.10.9** Is-sa Marie Claire irrimiarkat kif f'ħafna postijiet tneħħiet l-aċċessibilta għall nies b'disabiltà; Triq l-Indjana tneħħew rampi fil bankini.

**23.10.10** Is-sur Antoine semma is-sinjaletika mhux tajba.

**23.10.11 Vot għall approvazzjoni.**
**Favur** 9 Desirei, Maurizio, Luke, Jade, Kaylocke, Antoine, Marie Claire, Yana, Gilmour
**Astjenew** 0
**Kontra** 0

**23.11 Approvazzjoni ta Skeda Ta Ħlasijiet.**

**23.11.1** Wara li s-sindku talbet kienx hemm kummenti fuq l-iskeda ta pagementi Is-Sur Maurizio Gauci approva u is-sur Luke Vella ssekonda l-iskeda tal-ħlas ta pagamenti bħala koretta. Giet approvata bejn dawk preżenti.

**23.11.2** Skeda tal petty cash. Is-sa Marie Claire approvat u s-Sur Luke ssekonda l-iskeda bħala koretta.

**23.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

23.12.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis-19,00  wara li ġiet eżawrita l-aġenda u giet aġġornata għall Nhar it-tlieta 17 ta' Ġunju 2025 fil-5pm .

**Nota. Rapport ta Hidma 2024**
Is-sindku fakkret fir-rapporti ta ħidma li kellhom jintbgħatu sat Tnejn 19 ta' Mejju. Għall dan irrimarkat li ma ssibx għażla ohra ħlif li tibdel id-dekasteri fil laqgħa li jmiss.

Iffirmati illum:

Sindku
Desirei Grech

Deputat Segretarju Eżekuttiv
Christine Jo Mansueto